- *PATERNITA' –*
- *ARTIKOLU 77 TAL-KAP 16 –*
- *TESTIJIET XJENTIFICI; D.N.A. TESTING –*
- *ARTIKOLU 70 (1) (d) U (2) TAL-KAP 16 -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 30 ta' April 2002**

**Kawza Numru: 35**
**Citazzjoni Numru: 811/95/RCP**

**Anthony Sant**

**vs**

1. **John Cutajar**
2. **Georgina Cutajar**
3. **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**
4. **Dr Tonio Mallia u PL Davina Cachia nominati b'digriet tas-27 ta' Lulju 1995 bhala Kuraturi Deputati biex jirrappresentaw lill-minuri Naomi Cutajar**

**Il-Qorti,**

**<u>I.  PRELIMINARI.</u>**

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie eccepit:

Illi l-konvenuta Georgina Cutajar, mizzewga lill-konvenut l-iehor John Cutajar, kellha tifla mwielda fid-26 ta' Mejju 1995, Naomi, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid Dok. A li jgib in-numru 2273.

Illi nonostante li t-tarbija twieldet fiz-zwieg u li giet registrata bil-kunjom Cutajar, hemm supposizzjoni ghall-fini tal-Artikolu 82 tal-Kodici Civili li l-wild hija bint naturali tal-attur u dan peress li fiz-zmien li giet koncepita t-tifla, il-konvenuta Georgina kienet f'relazzjoni intima mal-attur u ma setax kien f'dak iz-zmien li t-tifla kienet tal-konvenut l-iehor John.

L-istess attur talab li l-konvenuti jghidu ghaldaqstant ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti*:*

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti tal-ligi, l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija Naomi okkorendo n-nomina ta' esperti medici biex isiru t-testijiet tad-demm.

2. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid ta' Naomi billi fis-sitt kolonni li fihom

dettalji ta' missier it-tarbija jitnizzlu dawn id-dettalji rispettivament: *Anthony Sant, direttur ta' kumpanija, 38, St. Paul's Bay, St. Paul 's Bay, Francis Saviour Sant (dead),* u dan minflok dawk ezistenti, u billi fil-kolonna li tinkludi taghrif dwar omm it-tarbija jithassru minn hemm il-kliem "*the said*".

Bl-ispejjez u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur a fol 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 4 sa 16 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tat-8 ta' Jannar 1996 a fol 21 tal-process fejn gie eccepit:

Illi l-unika cirkostanza li fiha tista' tigi ammessa l-azzjoni odjerna hi dik kontemplata fl-Artikolu 77 tal-Kodici Civili u cioe` jekk jigi pruvat li fiz-zmien bejn it-tlett mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tarbija ir-ragel ta' l-omm kien fl-impossibilita fizika li jghammar ma martu minhabba li kien boghod minnha.

Illi jekk tintlaqa' t-talba ta' l-attur ikun irid isir tibdil ukoll fil-kolonna li tinkludi taghrif dwar omm it-tarbija billi jkunu iridu jithassru minn hemm il-kliem *"the said".*

Illi t-tibdil rikjest fl-att tat-twelid fi kwalunkwe kaz mhuwiex attribwibbli ghal zball ta' l-esponent li ghalhekk m'ghandux ibati spejjez.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 21 u 22 tal-process;

Rat il-verbal tat-12 ta' Frar 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku tal-21 ta' Marzu 1996 fejn eccepixxa:

1. Illi ghas-success ta' l-azzjoni tinhtieg il-prova ta' l-impossibilita` fizika ta' koabitazzjoni bejn il-konvenuti John Cutajar u Georgina Cutajar fiz-zmien tal-probabbli koncepiment tat-tarbija.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda a fol 32 u 33 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut John Cutajar tat-28 ta' Marzu 1996 (fol 35) fejn eccepixxa:

1. Illi l-konvenut John Cutajar jaqbel li ghandhom jigu nominati esperti medici biex isiru t-testijiet tad-demm sabiex tigi verifikata l-paternita` tat-tifla Naomi, stante li sa

zmien tlett xhur qabel it-twelid taghha, Georgina Cutajar, omm Naomi, kienet ghadha qed tghix mal-konvenut John Cutajar, u kien ikollha relazzjonijiet intimi mieghu.

2. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut John Cutajar u l-lista tax-xhieda (fol 35 sa 36).

Rat il-verbal tat-22 ta' April 1996.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr Tonio Mallia u l-PL Davina Cachia (illum mizzewga Sullivan) nominati b'digriet tas-27 ta' Lulju 1995 biex jirrappresentaw lill-minuri Naomi Cutajar fejn eccepew:

1. Illi l-azzjoni attrici hija irritwali u nulla ghax mhux koncepibbli, fis-sistema Malti, li missier naturali jitlob il-paternita illeggittima ta' minuri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess huma mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghalhekk jirriservaw li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri tal-kawza.

3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda a fol 42 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Mejju 1996 fejn il-kawza giet differita ghat-2 t'Ottubru 1996 sabiex tigi trattata l-eccezzjoni ta' irritwalita` sollevata mill-kuraturi.

Rat il-verbal tas-seduti tat-2 t'Ottubru 1996 u tal-4 ta' Novembru 1996.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti kuraturi tal-4 ta' Novembru 1996 (fol 47).

Rat il-verbal tas-seduti tad-9 ta' Dicembru 1996 u tal-5 ta' Marzu 1997.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Anthony Sant tal-4 t'April 1997 a fol 53 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tad-19 ta' Mejju 1997.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-4 ta' Gunju 1997 (fol 59).

Rat il-verbal tas-seduti tat-30 ta' Gunju 1997, tal-24 t'Ottubru 1997, tat-28 ta' Novembru 1997 u tad-19 ta' Jannar 1998.

Rat in-nota ta' sottomissjonjiet ulterjuri ta' Anthony Sant tal-21 ta' Jannar 1998 (fol 67).

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 1998 fejn Dr Tonio Mallia bhala kuratur tal-minuri u Dr Hubert Theuma ghall-

konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ddikjaraw li m'ghandhomx x'izidu man-noti gia minnhom prezentati, filwaqt li Dr Nicole Vella de Fremaux ghall-konvenut John Cutajar talbet zmien biex issir ir-risposta ghan-nota tal-attur.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' Marzu 1998 fejn Dr Mario DeMarco ghall-konvenut John Cutajar iddikjara li huwa qed jirrinunzja ghan-nota ta' osservazzjonijiet u qed jirrimetti ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti dwar l-eccezzjoni sollevata mill-kuratur. Il-kawza giet differita ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-kuratur tal-minuri ghad-19 ta' Gunju 1998.

Rat il-verbal tas-seduti tad-19 ta' Gunju 1998 u tal-4 ta' Dicembru 1998.

Rat in-nota ta' Anthony Sant tad-29 ta' Dicembru 1998.

Rat il-verbali tas-seduti tas-26 ta' Marzu 1999 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif presjeduta u fl-istess seduta l-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, u tal-24 ta' Gunju 1999.

Rat in-nota ta' Anthony Sant tas-26 ta' Ottubru 1999.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Novembru 1999 fejn il-kawza giet deciza in parte fis-sens li l-Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti kuraturi u ordnat il-prosegwiment tal-kawza, ghalhekk il-Qorti nnominat lill-Assistent

Gudizzjarju Dr Josette Demicoli biex tigbor il-provi li fadal dwar il-mertu. Il-kawza giet differita ghat-3 ta' Frar 2000.

Rat il-verbal tas-seduti tat-3 ta' Frar 2000, tal-4 ta' April 2000, tat-8 ta' Gunju 2000, tat-18 ta' Ottubru 2000 u tas-16 ta' Jannar 2001.

Rat in-nota ta' Anthony Sant tal-15 ta' Frar 2001 fejn permezz taghha esebixxa zewg affidavits (fol 93 sa 95).

Rat il-verbal tas-seduti tal-20 ta' Marzu 2001, tas-26 ta' Gunju 2001, tat-8 ta' Novembru 2001 fejn l-attur informa l-Qorti li l-partijiet ghalqu l-provi taghhom u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-24 ta' Jannar 2002.

Rat il-verbal tal-24 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenuta Georgina Cutajar taghat ruhha b'notifikata bl-affidavit tal-attur tal-15 ta' Frar 2001. Dr Camilleri rrimetta ruhu ghall-provi. Id-difensuri tal-konvenuti msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2002.

Rat ir-rikors tal-attur tat-8 ta' Frar 2002 u d-digriet tal-Qorti tal-11 ta' Dicembru 2002 fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u tinnomina lil Christopher Farrugia bhala perit mediku sabiex jaghmel it-testijiet medici relattivi, u DNA testing fil-konfront tal-attur u l-minuri, kollox a spejjez provizorjament tal-attur.

Rat il-verbal tat-28 ta' Frar 2002 fejn deher il-Perit Mediku Christopher Farrugia li halef ir-rapport. Dr David Camilleri rimetta ruhu. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghas-7 ta' Marzu 2002.

Rat ir-relazzjoni tal-Espert Forensiku Christopher Farrugia a fol 107 tal-process.

Rat il-verbal tas-7 ta' Marzu 2002 fejn Dr David Camilleri rimetta ruhu u l-konvenuti u d-difensuri taghhom msejha diversi drabi baqghu ma dehrux. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li huwa l-missier naturali ta' Naomi li twieldet minn Georgina Cutajar fis-26 ta' Mejju 1995 u li, konsegwentement tordna li fic-certifikat tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 2273, l-paternita' tieghu tigi rikonoxxuta.

Illi jidher car li l-attur qed jipprevalixxi ruhu mill-**Artikolu 77 tal-Kap 16** li jghid testwalment li:-

*"Il-legittima' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien fl-impossibilita' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi ma hemm l-ebda dubju li jekk l-attur qed jippretendi li huwa l-missier tal-minuri huwa ghandu interess li jaghmel din il-kawza, pero' qabel ma tigi trattata l-istess, trid tigi sorvolata d-disposizzjoni tal-**Artikolu 81 tal-Kap 16** li tipprovdi li:-

*(1) "Hadd ma jista' jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtuh l-att tat-twelid bhala iben legittimu u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.*

*(2) Hekk ukoll, hadd ma jista' jattakka l-istat tal-iben legittimu ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel ma l-att tat-twelid tieghu".*

Illi huwa car li l-hsieb tal-ligi huwa dak li jipprotegi l-istat ta' legittima tal-persuna, la darba din twieldet fiz-zwieg, u la darba l-istat tal-istess minuri huwa konformi mal-istess diskrezzjoni wkoll hajja tieghu, hekk mizmum fir-rejalta' socjali bhala iben l-istess konjugi. Illi fil-fatt fil-kawza fl-ismijiet **"Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et"** (P.A. F.G. C. 10 ta' Mejju 1996 inghad li :-

*"Dak li jissejjah ir-'raison d'etre' ta' din id-disposizzjoni tal-ligi nostrali jinsab enkapsulat fil-kumment tal-awtur Ricci meta huwa jikkomenta dwar disposizzjoni analoga tal-Kodici Taljan … …." "Egli ha osservato esistere nell'ordine stesso delle cose una presunzione che sta per la inviolabilita' dal talamo a per il rispetto della fedelta' coniugale, la quale presunzione viene avvolorata dalla vita comune degli sposi e fa riguardare il marito come il padre dei concepiti da sua moglie durante il matrimonio. I giuconsulti romano intesero questa presunzione e l incarnazione della formula solenne 'pater is est quem justae nuptiae demonstrat'. A questo principio, che non e' tanto un dettato dell' antica sapienza, quanto un postulato della stessa ragione, confortato dall' esperienza di molti secoli, si e' attentuato il legistatore patrio, e percio' nell' articolo 159, che il marito e' padre del figlio concepito durante il matrimonio"* - (**Diritto Civili.** Vol. 1 para 49 pag. 76).

Illi in effetti l-**Artikolu 67 tal-Kap 16,** (li jikkorrispondi mal-artikolu 159 tal-Kodici Taljan) jipprovdi li:

*"L-iben imnissel matul iz-zwieg jitqies li hu bin zewg ommu".*

Illi fil-fatt din l-azzjoni ittentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakata l-legittimita' ta' l-ulied u cioe':

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi tal-**Artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa indikat bhala missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**Subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-presunzjoni *"pater est quae iustiae demonstrat",* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta' l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**Artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* tal-**Artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta' iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabiliti fl-**Artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta' din l-azzjoni inghad fil-kawza **"Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et"** (A.C. 14 ta' Jannar 1952 li:-

*"Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta' paternita' hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*

*"It-Tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta' stat konformi ma' l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta' dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra interessati, konsistenti f'illi huma jkollhom jippruvaw l-*

*impossibilita' fizika ta' koabitazzjoni tal-presenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza".*

*"Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta' l-azzjoni ta' ricerka tal-paternita' tieghu bil-fatt li dik l-impossibilita' fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi mal-att tat-twelid tieghu"*

Illi f'kaz maghmul a bazi ta' din l-azzjoni fis-sentenza **"Walter Ahar nomine vs Pio Micallef"** (P.A. A. J. M. 21 ta' Frar 1996) inghad illi *"minn dan it-taghlim jidher li l-fatt li r-ragel ta' omm it-tarbija kien prezenti Malta u kellu il-possibilita' li jkollu relazzjoni ma' martu, ma ghandu jkun ta' ebda xkiel fl-indagini li ghandha ssir sabiex tigi stabbilita l-identita' tal-missier naturali tal-istess attur".*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**Artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn ghal dak li huwa relevanti ghal dik il-kawza fl-**Artikolu 77** jinghad li:-

*"Il-legittimita' ta' tifel imwieled matul iz-zwieg tista' tigi attakkata minn kull min ghandu interess, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibilita' li jghammar ma' martu minhabba li kien il-boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni imsemmija ta' impunjazzjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-

istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu interess, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lill-diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni a bazi tal-**Artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**Artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess tal-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ittentata skond **l-Artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond **l-Artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa ikun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (PA.RCP 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**Artikoli 81** mal-**Artikolu 77,** stante li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**Artikolu 77** dwar l-impossibilita' fizika, hija wkoll kondizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. RCP 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-**Artikolu 81** … … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher*

*car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel mal-att tat-twelid peress li l-persuna indikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss mal-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess tal-istess stat konformi mal-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi tal-**Artikolu 77** anke jekk tigi ippruvata l-impossibilita' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie ukoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti tal-**Artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid **jew** ta' pussess ta' stat (u dan skond kif definit fl-**Artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati fis-sentenzi "**Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. RCP deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit Nru: 1841/98/RCP); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et**" deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"**

(P.A. RCP 10 ta' Novembru 1999); "**Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. RCP deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit Nru: 190/97/RCP); "**Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. RCP deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP)

Illi applikati l-principjji fuq esposti ghall kaz *de quo* jirrizulta mill-provi prodotti quddiem din l-Qorti li l-istess minuri hija effettivament u bijologikament bint l-attur Anthony Sant u Georgina Cutajar, u fil-fatt dan huwa ndikat car mid-*DNA Tests* datati 23 ta' Frar 2002 skond ir-rapport peritali li jinsab esebit a fol. 107 tal-process redatt mill-Espert Forensiku nominat mill-Qorti Christopher Farrugia, li prattikament jeskludu lill-konvenut John Cutajar milli jkun il-missier tal-istess minuri.

Illi fil-fatt mill-provi ulterjorment prodotti jirrizulta li l-konvenuta Georgina Cutajar bl-affidavit taghha tat-23 ta' Jannar 2002 eskludiet kompletament li fil-perjodu msemmi fl-**Artikolu 77 tal-Kap 16** hija qatt ma kellha relazzjoni mal-konvenut John Cutajar, u dan minhabba l-fatt li hija kienet qed torqod separatament mill-istess konvenut u qatt ma kellha fl-istess perjodu ebda relazzjoni sesswali ma dak li kien dak iz-zmien zewgha.

Illi dan ikkominat mal-fatt li l-istess konvenuta ammettiet li hija kellha relazzjoni mal-attur, mill-liema relazzjoni twieldet it-tarbija mertu tal-azzjoni odjerna, u tenut kont tal-fatt li tali ezamijiet xjentifici jikkonfermaw dawn l-allegazzjonijiet kollha *da parte* tal-attur, iwasslu naturalment ghall-

konkluzjoni unika li l-attur huwa verament missier tal-istess minuri,

Illi fil-fatt jista' jinghad li gew pruvati l-elementi ndikati fl-**Artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16** li jaghtu effettivament id-dritt lir-ragel tal-konvenuta jistitwixxi huwa l-azzjoni ta' *denegata paternita'* ndikata fl-istess ligi u fuq imsemmija, ghaliex effettivament gie ppruvat li Georgina Cutajar effettivament ammettiet li hija kienet ikkomettiet adulterju fil-konfront ta' zewgha, tant li hija kellha relazzjoni mal-istess attur u *di piu'* mill-ezamijiet medici esebiti jirrizulta li l-paternita' ta' John Cutajar, li sa dak in-nhar tat-twelid kien zewgha, qed tigi *"x'aktarx eskluza".*

Illi dan qed jinghad apparti d-dikjarazzjoni tal-omm *ai termini* tal-**Artikolu 70 (2) tal-Kap 16,** fejn hija stess iddikjarat u xehdet li l-istess minuri ma hijiex t-tarbija ta' zewgha, liema dikjarazzjoni ghalkemm wahedha mhux bizzejjed, xorta ghandha il-piz taghha, u meta maghquda mal-fatti u testijiet medici fuq esposti, iwasslu ghall konvinciment car, palez u l-unika wiehed li jista' jitqies bhala possibbli fic-cirkostanzi kollha tal-kaz odjern, u cjoe' li l-attur huwa l-missier naturali w effettiv tal-istess minuri, u fil-fatt jirrizulta mill-provi li l-istess minuri dejjem giet meqjusa, inkluz mill-partijiet kollha involuti f'din il-kawza (hlief ovvjament id-Direttur tar-Registru Pubbliku) li hija bint l-istess attur u l-konvenuta Georgina Cutajar, u ghalhekk in vista tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

Illi din il-Qorti tattira l-attenzjoni tal-fatt li dak iz-zmien il-konjugi Cutajar, konvenuti odjerni kienu sahansitra fl-Att ta' Separazzjoni taghhom datat 19 t'April 1995 u esebit a fol 7 tal-process iddikjaraw f'paragrafu 6 (b) tal-istess li:

*"For all intents and purposes at law, the parties are hereby declaring that although the wife is presently pregnant, the child she is bearing is not the husband's*".

Illi fil-fatt il-minuri indikata fl-azzjoni odjerna twieldet fis-26 ta' Mejju 1995 kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esebit mac-citazzjoni attrici w allura tenut kont tal-fatti kif fuq esposti inkluz l-ezamijiet medici li saru mill-espert tal-Qorti dawn jikkontradixxu ghal kollox l-allegazzjoni tal-konvenut John Cutajar fid-dikjarazzjoni annessa mal-eccezzjonijiet tieghu fejn huwa sostna li sa tlett xhur qabel it-twelid huwa kellu relazzjonijiet intimi mal-istess Georgina Cutajar.

Illi dan qed jinghad ghaliex apparti l-fatt li huwa ma gab ebda prova sabiex isostni l-allegazzjonijiet tieghu, tali versjoni tieghu hija wkoll inverosimili w inkredibli tenut kont tal-fatt li fit-tqala stess tal-istess minuri huwa volontarjament iddikjara li huwa cert li mhux il-missier tal-istess minuri, u dan b'kuntratt pubbliku ta' separazzjoni u qabel ma twieldet l-istess tarbija, bil-konsegwenza li din il-Qorti tifhem illi kieku kien mod iehor certament li l-istess konvenut ma kienx jaghmel dik id-dikjarazzjoni fil-kuntratt ta' separazzjoni indikata b'tant certezza u solennament. Illi *di piu`* ix-xhieda tal-istess konvenuta hija korroborata mix-xhieda tal-attur u fl-ahhar nett ikkonfermata mill-ezamijiet

medici indikati u wkoll mill-fatt li l-istess minuri dejjem trabbiet bhala bint l-attur.

Illi hawn din il-Qorti qed tikkoferma l-principji ndikati fis-sentenza **"Ivan Felice vs George Valletta et"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000) fejn inghad li *"apparti dan hemm id-dikjarazzjoni tal-istess omm, li ghalkemm wahedha ma hijiex bizzejjed ai termini tal-**Artikolu 70 (2) tal-Kap 12,** xorta ghandha mportanza massima f'dawn il-materji, specjalment meta hija kkorroborata minn xhieda ohra, bhal ta' zewgha, u tal-missier reali tal-istess minuri, u dan ghandu jwassal ghall-konkluzjoni li l-prova permezz ta' xhieda tkun ukoll saret f'dan is-sens"*. **("George Grech vs Nazzareno Grech"** - N.A. 30 ta' April 1998 - Citaz. Numru. 2011/96 u **"Noelle Spiteri et vs Ernest Cilia et"** tat-30 ta' Jannar 1998 - Citaz. Nru. 979/97/NA; u **"Mario Attard Flores vs Theresa Attard Flores et"** - RCP 2 ta' Dicembru 1998- Citaz. Numru. 2488/97/RCP.)

Illi dwar l-interpretazzjoni tal-**Artikolu 77** u dwar il-kuncett ta' *"impossibilita' fizika"* hemm indikata, wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Ronald Bray vs Charmaine Bray et"** (N.A. 19 ta' Novembru 1997) fejn inghad li *"l-impossibilita' fizika li ghaliha hemm riferenza ghandha tkun wahda li setghet taffetwa b'xi mod il-koncepiment tat-tarbija".* **("Noelle Spiteri vs Ernest Cilia").**

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, b'dan li tiehu in konjizzjoni ta' dak kontenut fit-tieni eccezzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tat-8 ta' Jannar 1996, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:

1. Tiddikjara li ghall-finijiet u effetti tal-ligi, l-attur huwa l-missier naturali tat-tarbija Naomi u dan ukoll kif irrizulta minn testijiet medici relattivi.

2. Tordna l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jemenda l-att tat-twelid ta' Naomi Nru 2273/1995 billi fis-sitt kolonni li fihom dettajli ta' missier it-tarbija jitnizzlu dawn id-dettalji rispettivament: *Anthony Sant, direttur ta' kumpanija, 38, St. Paul's Bay, St. Paul 's Bay, Francis Saviour Sant (dead),* u dan minflok dawk ezistenti, u billi fil-kolonna li tinkludi taghrif dwar omm it-tarbija jithassru minn hemm il-kliem "*the said*", u sabiex isiru l-korrezzjonijiet kollha necessarji biex l-istess minuri tigi ndikata li hija bint naturali tal-istess attur Anthony Sant.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**Artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghanda ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess disposizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssopportati mill-istess attur u l-konvenuta Georgina Cutajar, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenuti l-ohra.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**30 ta' April 2002**

**Josette Demicoli.**
**Deputat Registratur.**
**30 ta' April 2002**